


# *Monologi Semiserji, forsi ftit irreverenti, ta' statwi li jintramaw fil-festa ta' Sana Liena*

**Urbanu VIII**

Kultant, ikun hemm xi nies għaddejjin taħti, jew inkella jkunu f'xi wieħed mill-ħwienet tal-qrib, u nisma' lil xi ħadd minnhom jesklama: Il-Papa, Papa! Jien qisni nkun irid indawwar ħarsti għax kont imdorri li b'dak l-isem kienu jkunu qed jrreferu għalija. Imma anqas biss nitħarrek u nibqa' immobbli aktar minn dawk li jilbsu u jinżebgħu ta' statwi, f'xi pjazza jew triq passaġġa, biex dak li jkun jitfagħlhom ftit ċenteżmi f'xi kaxxa li jkollhom ħdejhom.

Għax jien statwa tabilħaqq. Statwa ta' Papa Urbanu t-Tmienja. Statwa tal-kartapesta li għall-festa ta' Santa Liena jarmawni fuq kolonna, stil vagament *art nouveau*, hawn fi Pjazza San Franġisk, mhux bogħod mill-każin tal-banda ta' fuq, bejn fejn tasal Triq il-Kbira u t-tarf ta' waħda mill-fergħat ta' Triq Santa Liena. Għalkemm qabel kienu jarmawni n-naħa ta' fuq, ħdejn il-każin sewwa. Jgħidu li kien fattarni Karlozzu Darmanin, statwarju prim fi żmienu, fil-kartapesta. U allura dan kien mhux aktar tard mis-sena1909 meta miet. U allura wkoll dan kien għaxar snin qabel ma twaqqaf il-każin tal-banda li jieħu ħsiebi llum.

Minn xi snin 'l hawn bqajt qisni naqra sulu, ħallewni qisni ħuta barra mill-ilma. Għax m'għadhomx jintramaw f'din il-pjazza bħal qabel, it-trofej kbar li kienu jkunu jzejnu u jimlew l-ambjent ta' ħdejja b'dawk il-bnadar ikkuluriti li kienu jkellmuni ma' kull żiffa. Anqas dawk l-anġli li kienu jżommuli ftit tal-kumpanija, minkejja li bħali kienu muti huma wkoll. Għalhekk min numru ta' snin sewwa 'l hawn, sirt inħossni qisni l-mitluf. Qisni xi skantat inħares fil-vojt. U dan minkejja l-folol li jistgħu ikunu taħti jew għaddejjin minn ħdejja waqt xi marċ, speċjalment meta jkun fl-eqlel tiegħu għax ikun wasal biex jidħol.



*Urbanu VII*

Kont Papa fis-seklu sbatax. Kont mill-familja barberini, oriġinarjament minn Firenze. Izda minbarra t-trirenju, il-kuruna Papali bi tlieta, l-istatwarju għoġbu jiffigurani bħal xi Papa ta' xi mill-anqas elf sena qabel zmieni. Dan minkejja li statwi, pitturi u stampi tiegħi kien hawn għadd ġmielu jiġru. Għoġbu jagħtini, bixra li mhix dik li kienet tiegħi. Anqas biss imqar id-daqna, li għamilhieli sħiħa, waqt li jien kont, għaliex le, b'tip ta' daqna ieħor, iċken, skond il-moda ta' zmieni, kif kienu jagħmlu prelati oħra, aristokratiċi, nies ta' skola u ta' arti, u tant oħrajn

Anqas ilbiesi mhu dak Papali tas-seklu sittax. Ma nafx x'kien fettillu jiffigurani hekk. Fil-fatt, li ma kienx għat-trirenju u għax f'idi għandi dak ir-roll karti jew parċmina,




*Ikompli minn paġna 79*



*Galileo Galilei*

mill-ispallejn 'l isfel nixbaħ ħafna lil Makarju, li għall-festa ta' Santa Liena wkoll, ikun armat ftit bogħod minn hawn, u għax dak f'rasu għandu mitra u f'idu baklu.

Kultant nisħel niddejjaq u nitfantas f'din is-sura li nħoss li mhix tiegħi. Għax wara kollox kont wieħed li rridha. Fil-fatt, araw kif iddeskrivieni l-ambaxxatur ta' Venezja għas-Santa Sede meta lħaqt Papa fis-6 ta' Awwissu tas-sena 1623:

"Il-Papa l-ġdid għandu 56 sena. Il-Qdusija Tiegħu hu twil, ismar, b'fattizzi regulari u xagħru iswed li beda jaqleb fil-griż. Hu eċċezzjonalment eleganti u rraffinat fid-dettalji kollha ta' lbiesu, għandu komportament grazzjuż u aristokratiku u gosti skwiżiti. Huwa eċċellenti bħala kelliem u fid-dibattiti, jikteb versi jew poeżiji u jippatronizza poeti u letterati"

U la dan semma l-poeti u l-litterati, irrid ngħid li l-poeżija kienet xi ħaġa wisq għal qalbi wkoll, hekk li poeżiji li kont ktibt qabel ma sirt papa, kienu ġew ippubblikati fi ktieb aktar tard matul il-pontifikat. Kont ħadt ħsieb ukoll naġġorna l-Brevjarju Ruman, li ma kinitx biċċa xogħol żgħira.

Kienu qed jiġru u ġraw bosta affarijiet u avvenimenti fi żmieni. Kienet għaddeja u ntemmet il-Gwerra tat-Tletin Sena li ħarbtet l-Ewropa ċentrali. Kelli nidħol bejn il-basla u qoxritha tal-kaz ċelebri ta' Galileo Galilei - dak tal-*eppur si muove,* biex niftehmu. U dan minkejja fija. Għax wara kollox, jien u Galileo konna ħbieb, u l-Kardinal Francesco, neputi tiegħi, li kien fit-tribunal tal-Inkiżizzjoni li ġġudikah, kien wieħed mit-tliet membri li ma ridux il-kundanna ta' Galileo. Francesco kien ukoll student tal-istess Galileo f'żgħożitu. U dan kien l-istess neputi li tant qalgħuli l-għajjurin minħabba fih. Għax qalu wkoll fuqi li kont naġevola sew lill-qraba tiegħi - u kif tgħidu intom, l-qasba ma ċċaqċaqx għalxejn! Ikollok trid jew ma tridx tammetti, u dan ftit li xejn lesti li jagħmluh, li jiġu waqtiet meta l-anqas Papa ta' żmien l-Assolutiżmu ma setà jagħmel li jrid, sew fir-rigward tal-ewwel każ, jiġifieri ta' Galileo, u anqas fl-ieħor, tan-neputi!

Bħala Papa dak iż-żmien, minbarra Isqof ta' Ruma u Kap tal-Knisja Kattolika, kont ukoll Kap ta' stat. Għalhekk kelli nidħol f'ċerti gwerrer, u kont l-aħħar Papa li kabbart it-territorju tal-Istati Pontifiċji fl-Italja ċentrali, bejn wieħed u ieħor mill-Lazio u l-Molise sar-Romagna u l-Marche minbarra l-Grandukat tat-Toscana. Minħabba t-tendenzi tiegħi fil-politika internazzjonali, il-Kardinali Spanjoli, kienu għamlu konfoffa biex ineħħuni, saħansitra biex joqtluni, u jagħmlu papa ġdid minfloki. Iżda f'wiċċhom baqa' għax sirt naf u ħassartilhom il-festi kollha li kienu qed jaħmu u jfaqqsu f'moħħhom.

Bil-ħeġġa li kelli għall-arti ħalli nsebbaħ il-Bażilika Vatikana u l-Belt Eterna, tajt bosta kummissjonijiet lil għadd ġmielu ta' artisti ta' fama li kien hemm Ruma fi zmieni: Gian Lorenzo Bernini, skultur u arkitett; Pietro da Cortona, pittur, it-tnejn Taljani. Kif ukoll il-pitturi Franċizi Nicholas Poussin u Claude Lorrain. Biex ma nsemmix li aktar qabel, saħansitra qabel ma sirt papa, kont għamilt




*Ikompli minn paġna 81*

ritratt tiegħi għand ħadd anqas minn Michelangelo Merisi da Caravaggio, dak li kien ġie hawn Malta wkoll fejn pitter ritratt tal-grammastru Wignacourt, li mhux f'Malta, u xi żewġ kwadri oħra għall-knisja konventwali ta' San Ġwann - li għadhom hawn. Imbagħad xellef difru bl-ikrah ma' xi kavallier, qafluh f'Sant'Anġlu u rnexxielu jaħrab minn hemm u saħansitra mill-istess gżira.

Biex Bernini setà jagħmel il-baldakkin il-kbir tal-artal ewlieni tal-Bazilka ta' San Pietru, kont zarmajt il-bronz antik tal-Panteon. Dan il-Panteon kien tempju ta' żmien ir-Rumani mibdul fi knisja u għadu wieqaf sal-lum wara kważi dsatax-il mitt sena. Din tal-bronz tal-Panteon ma kinitx niżlet tajjeb ma bosta u bdew jgħidu, b'riferenza għall-istorja tal-invazjonijiet ta' Ruma mill-barbari xi elf sena qabel: *Quod non fecerunt barbari fecerunt Barberini* - Dak li m'għamlux il-barbari għamluh il-Barberini. Naħseb li kollha għira bazwija kienet. Erħilu li b'dak il-bronz mhux opri tal-arti biss għamilt, imma kanuni wkoll!

Dawn u ħafna opri oħra li għamilt, kif ukoll il-gwerer riedu ħafna u ħafna flus. Id-djun tal-Istat Pontifiċju zdiedu immensament u l-interessi kienu jieklu tmenin filmija tad-dħul Papali. Imma mbagħad, kif tgħidu intom ukoll: bix-xejn ma jsir xejn. Imma dan kien wassal biex in-nies ta' Ruma ħaduni fuq demm id-dars. Heqq! Mhux dejjem tiġik tajba! Għalkemm l-opri ta' pittura, skultura, funtani u arkitettura li ħallejt, għadhom isebbħu l-belt ta' Ruma sal-lum u jiġbdu gzuz ta' turisti minn bosta pajjiżi oħra. Imma naħseb li fuq dan aħjar nieqaf għax inkella jkolli nieħu fit-tul wisq.



*Urbanu VIII*

Intant dak ir-roll jew skroll li għandi f'idi u li semmejt ftit ilu, hu l-kaġun jew ir-raġuni li minħabba fih insib ruħi hawn, fuq dan il-pedistall, fi żmien il-festa tagħkom. Għad dak jirraprezenta l-Bolla msejħa bl-ewwel kelmiet bil-Latin li tiftaħ bihom: *Sacri Apostolatus Ministerio* li kont tajt lil ħabibi Dun Filippu Borg li dak iż-żmien kien kappillan ta' Birkirkara, barra karigi oħra li naf li kellu, nhar il-5 ta' Diċembru 1630 u li biha kont waqqaft l-ewwel Kolleġġjata għall-isema ta' Santa Elena Regina f'Birkirkara. Dan kien fis-seba' sena tal-Pontifikat tiegħi, li b'kollox kien dam 21 sena.

Bilħaqq! Erħilha li l-Bolla propja m'għandhiex dik issura u dak il-format li għamilli f'idi l-istatwarju. Fil-fatt għandha l-forma ta' librett, *letter size* tgħidulu intom llum, u magħmul mhux minn karta iżda minn parċmina. Dil-parċmina tkun ġild, aktarx ta' ħaruf, ikkunzat jew irranġat b'mod li tkun tista' tikteb fuqu. Dan allavolja fi żmieni l-użu tal-karta kien sar xi ħaġa komuni ħafna fl-Ewropa wkoll wara li kienet ġiet introdotta miċ-Ċina xi erba' sekli qabel. Imma għal xi dokument ta' importanza bħalma kienet din il-Bolla, kienet għadha tintuża l-parċmina. Wara kollox anke d-diplomi tal-Università tagħkom ikunu fuq parċmina.

U kemm kellha tqanqal agħa, għira, għedewwa, inkwiet u intrigi dik l-imbierka Bolla!. Ftit għadhom jirrealizzaw illum is-siwi storiku u patrijottiku li kellu f'moħħu Dun Filippu Borg meta kien talabni dik il-Bolla. Ma kinitx semplicement xi legat jew xi fundazzjoni pija. Jiena kont fhimt sewwa f'liema sitwazzjoni kienu jinsabu politikament il-Maltin taħt il-Kavallieri ta' San Ġwann




*Ikompli minn paġna 83*

u l-Grammastru dik il-ħabta. Dawn kull ma jmur kienu qed isiru dejjem aktar arroganti u awtoritarji. U lili, x'kien jiġri f'dawk il-gżejjer daqs nitfa mitlufin f'nofs ta' baħar, bieb u għatba mal-Afrika, kien jasalli. U kif! Is-Santa Inkwiżizzjoni f'pajjiżkom, kif istitwita mill-1575 'l hawn, ma kinitx taħraq nies. Biżżejjed tara l-penitenzi li kienu jingħataw lil min kien jonqos u jittella' quddiemha. Imma lili kienet iżżommni aġġornat. Jiena stess kelli ħafna xi ngħid mal-Ordni - issa erħilu li ġieli abbużajt mill-prerogattivi u l-propjetajiet tagħhom. Imma jien wara kollox, bħala l-Papa, billi huma kienu ordni monastiku, jigifieri ta' reliġjuzi, ta' patrijiet, jiena kont il-kap suprem tagħhom ukoll.

U għalhekk, Dun Filippu, meta ra li wara kollox la bil-ħbiberija saħansitra mal-Grammastri, u la bil-kelma t-tajba, mal-Ordni ma kienx se jasal biex itejjeb il-qagħda tal-Maltin u l-Karkarizi b'mod partikulari. U meta ra li magħhom ma kien hemm ebda xaqq ta' dawl li xi darba l-Maltin kienu se jerġgħu jingħataw dak li darba kien dritt tagħhom, f'arthom, Dun Filippu ipprova għallanqas joħloq f'Birkirkara u madwarha, enklavi jew zona ħielsa mill-ħakma tal-Ordni.

U qam l-infern! Grammastru, Kavallieri, Isqof, Monsinjuri... u l-Inkwizitur jara li ma jmiss ma' mkien għax kullimkien iċappas! Anzi, jismot, jikwi! Jirreferi Ruma dak kollu li kien jiġri hawn u jipprova jagħmel u jattwa dak li kienu jibagħtu jgħidulu minn hemmhekk - meta kienu jħalluh hawnhekk. U ma kienx biss f'dak iż-żmien tal-bidu, anke wara, għax ngħidilkom il-verità bqajt insegwi, allavolja għaddew kważi erba' mitt sena, sikwit kien jara x'jinqala'. Saħansitra anke llum.

Erħilu li minħabba dik l-oppozizzjoni kollha li kienet inqalgħet dak iz-zmien stess, Dun Filippu ma kienx irnexxielu jġib *terra Birchircara* bħal stat jew prinċipat zgħir, ħieles mill-ħakma tal-Kavallieri, għallanqas f'ċerti aspetti. Izda għallanqas illum irridu u jkollna nammettu, li dak tiegħu kien wieħed mill-ewlenin tentattivi għall-kisba ta' ħelsien. Imqar jekk kien se jkun ristrett għal żona speċifika, f'dawn il-gżejjer żgħar żgħar, f'dak iż-żmien ta' assolutiżmu mill-aktar estremi.

Ħasra li ta' dan, lil Dun Filippu Borg ftit li xejn għadhom tawh kredtu jew irrikonoxxew l-isforz tiegħu bħala tali. U la kotba tal-istorja ta' dan il-pajjiż, bil-Malti, bl-Ingliz, bit-Taljan, biex trid. U la studji u simpożji. Prattikament xejn. Mhux lenti trid biex tara xi ħaġa, imma mikroskopju minn dawk l-aktar moderni u sofistikati!

Min-naħa tiegħi, se nħallikom b'dawn l-aħħar kelmiet x'tomogħdu u x'tixtarru.

*Philip Xuereb*



*portrait by Pietro da Cortona*